FONTANA

Minuti tas-sbatax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 30 t`Awissu 2006 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.

Korrispondenza

Il-Fondazzjoni OASI bagħtet ittra ta` ringrazzjament dwar il-kontribuzzjoni tal-Kunsill fl-attivita` 'Riflessi Sajfin 2006'.

Is-Sur David Soler, Uffiċċjal Awtorizzat, kiteb lill-Kunsill dwar il-kampanja edukattiva li l-Kumitat Konġunt iddeċieda li jagħmel mill-1 ta` Settembru 2006. Minflok joħroġ *ticket* tintbagħat ittra lis-sewwieq fejn jingħata *warning* u tiġi spjegata t-tip ta` kontravenzjoni u l-ammont tal-multa. Il-Kunsill ġie mitlub jgħid x`tip ta` kontravenzjoni jixtieq jinforza fil-lokalita'. Dr. Chris Said, *Chairman* tal-Kumitat Konġunt bagħat korrispondenza simili u talab lill-Kunsill jinforma lill-Uffiċċjal Awtorizzat bi problemi eżistenti fil-lokalita'. Is-Sindku qal li jaqbel ma` din il-kampanja edukattiva. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi mal-Gwardjani Lokali ma jaqbilx iżda jaqbel li l-Gwardjani Lokali għandhom jedukaw lill-poplu. Il-Kunsilliera Maria Schembri ssuġġeriet sabiex il-Gwardjani Lokali jedukaw fuq il-*Give Way* li hemm fil-bidu ta` Triq tal-Għajn kantuniera ma` Triq il-Qalb ta` Ġesu'. Il-Kunsill qabel illi din il-kampanja edukattiva għandha tkun mal-lokal kollu tal-Fontana.

Is-Sur David Apap Agius, *Tourism Zone Officer* fl-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, bagħat korrispondenza lill-Kunsill sabiex jintroduċi lilu nnifsu fl-Awtorita' u ta spjegazzjoni tax-xogħol il-ġdid tiegħu. Is-Sur Apap Agius bagħat ukoll *e-mail* fejn talab lill-Kunsill informazzjoni dwar il-ġbir ta` l-iskart. Sadanittant talab lill-Kunsill sabiex jipprepara aġenda li tkun t`interess kemm għall-Kunsill u kemm għall-MTA sabiex tkun tista' tiġi diskussa aktar il-quddiem. Il-Kunsill qabel illi ssir laqgħa mas-Sur Apap Agius.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar il-każ tas-Sinjura Pauline Cassar.

Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ bagħat korrispondenza dwar proġett tal-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ.

Il-Kummissarju għat-Tfal bagħtet kwestjonarju dwar logħob u rikreazzjoni għat-tfal. Is-Sindku għandu jimla dan il-kwestjonarju u jibgħatu lill-Kummissarju.

Il-Ministeru tas-Saħħa bagħat korrispondenza dwar il-premju 'Anzjan tas-Sena'. Il-Kunsill ġie mitlub jinnomina persuni għal dan il-premju.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana. Is-Sindku qal illi dwar l-applikazzjoni numru 04187/06 ġie deċiż b`konsultazzjoni mal-Kunsilliera peress li ż-żmien kien limitat illi l-Kunsill jikteb lill-MEPA sabiex mal-ħruġ tal-permess tordna lill-iżviluppatur jikkontribwixxi għal titjib ambjentali li l-Kunsill beħsiebu jagħmel fil-lokalita'.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet kopja t`avviż t`infurzar fi Triq Wied Siekel.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar talbet aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Wied tax-Xlendi. Għandu jiġi kkuntattjat il-Perit dwar dan.

Is-Sur Silvio Frendo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar talba għall-informazzjoni fuq il-preparazzjoni għall-bidla għall-Ewro. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.

Ms. Marica Axiaq mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħtet korrispondenza lill-Kunsill dwar in-*Newsletters* tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet in-*Newsletters* mitluba.

Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali, bagħat korrispondenza bis-suġġett *'Invitation to the EDF European Conference on Mainstreaming of Disability in Regional and Local Policies 06-07 November 2006'.*

Inqrat Ċirkulari AKL 40/2006 dwar Parkeġġ riservat għall-persuni b`diżabilita'. Il-Kunsill qabel illi jagħti kopja ta` din iċ-ċirkulari lill-persuni li kienu talbu għall-parkeġġ riservat għall-persuni b`diżabilita' sabiex ikunu nfurmati u jitgħattew in-numri tal-vetturi fejn hu l-każ.

Inqrat Ċirkulari AKL 41/2006 dwar Regolamenti dwar il-postijiet ta` divertiment.

Inqrat Ċirkulari AKL 42/2006 dwar Direttiva mogħtija lill-Ħaddiema Klerikali fil-Kunsilli Lokali.

Inqrat Ċirkulari AKL 43/2006 dwar Devoluzzjoni tad-Dawl.

Inqrat Memo 21/2006 dwar "Devoluzzjoni Lokali".

Inqrat Memo 22/2006 dwar Laqgħat tal-Kunsill.

Inqrat Memo 23/2006 dwar bexx ta` pertiċidi u erbiċidi.

Inqrat Memo 24/2006 dwar Tindif taż-Żoni Rurali.

## Mistoqsijiet

Is-Sindku qal illi huwa kellem lis-Sinjura Antonia Grech fejn infurmatu li r-*reserved parking* li hemm quddiem id-dar tagħha jista` jitneħħa peress li fil-mument m`għandhiex bżonnu, jekk ikollha bżonnu aktar `il quddiem titlob.

## Għoti ta` l-Offerta - Ġbir ta` Skart Goff

Kien hemm offerta waħda għall-Ġbir ta` Skart Goff. Din kienet tad-Dipartiment ta` l-Indafa Pubblika. Il-prezz huwa Lm2.50,0 għal kull ġbir. Il-Kunsill qabel illi jagħti din l-offerta lid-Dipartiment ta` l-Indafa Pubblika. Il-kuntratt għandu jibda b`effett mill-1 ta` Settembru 2006.

<u>Mozzjonijiet</u>

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi-Sindku Victor Cefai. Il-Kunsill qabel illi jikteb lill-Uffiċċjal Awtorizzat tal-Gwardjani Lokali sabiex isiru spezzjonijiet f`diversi nħawi tal-Fontana dwar ħruġ ta` duħħan eċċessiv li qed jagħmel ħsara f`saħħet ir-residenti tal-Fontana u anke lill-proprjeta'.

Mozzjoni Nru. 2 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel qabel illi jieħu l-passi meħtieġa biex kemm fil-bidu u anke f`tarf Trejqet ix-Xagħri jsir il-wiċċ bil-konkos. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi għandna mmorru naraw ix-xogħol li hemm bżonn jsir.

Mozzjoni Nru. 3 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi-Sindku Victor Cefai. Il-Kunsill qabel illi jitlob lill-Korporazzjoni EneMalta biex tibdel żewġ lampi li saru dan l-aħħar għal oħrajn ikbar kif kien hemm qabel. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi huwa kien jaf b`dan u twaħħlu l-oħrajn temporanjament, sakemm il-Korporazzjoni jkollha lampi akbar.

Mozzjoni Nru. 4 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jitlob lid-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex biex dik il-parti ta` Triq tal-Għajn bejn Triq il-Qalb ta` Ġesu' u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili ssir mill-ġdid. Għandu jiġi mfakkar ukoll dwar it-talbiet li kien għamel il-Kunsill biex isiru mill-ġdid Triq l-Isptar San Ġiljan u t-telgħa `l isfel mill-Knisja fi Triq tal-Għajn li huma wkoll toroq arterjali.

Mozzjoni Nru. 5 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jagħmel bankijiet u qsari kull fejn ikun hemm bżonn.

Mozzjoni Nru. 6 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jitlob lill-Kumitat ta` l-Ismijiet tat-Toroq sabiex it-Trejqa li hemm fil-proġett ta` *'Fontanella Gardens'* li minn Triq is-Sajjieda ser tkun tinfed għal Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, tiġi msemmija għal Giovanni Maria Attard (Ġamri tal-Arċipriet) benefattur kbir tal-Knisja Parrokkjali tagħna. Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Lorry Apap qalu illi dik il-parti hija privata. Il-Kunsill qabel illi jieħu parir dwar dan.

Mozzjoni Nru. 7 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi-Sindku Victor Cefai. Il-Kunsill qabel ukoll illi jikteb lill-istess Kumitat ta` l-Ismijiet tat-Toroq biex Trejqa li tmiss ma Triq is-Sajjieda sal-mina li tagħti għal Triq tal-Għajn tingħata l-isem 'Dun Ġużepp Grima'.

Mozzjoni Nru. 8 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jikteb liċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma sabiex jinfetaħ gandott li hemm fi Pjazza l-Għejjun, li minn l-Għajn ta` Bendu jwassal għall-ġiebja li hemm taħt il-*Fontana Cottage Industry*.

<u>Approvazzjoni ta` kontijiet</u>

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *The Guard & Warden Service House Ltd.* | Lm | 13.60,0 |

| | | |
|---|---|---|
| *The Director, Department for Local Government* | Lm | 13.00,0 |
| *The Limestone Heritage* | Lm | 26.00,0 |
| Louis Zammit | Lm | 34.50,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | Lm | 14.50,0 |
| *TCTC Corporate Training Services* | Lm | 171.00,0 |
| *A&M Printing Ltd.* | Lm | 138.07,0 |
| *Koptaco Coaches* | Lm | 70.80,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm | 8.17,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm | 66.19,0 |
| *Image Systems Limited* | Lm | 17.11,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| *Agriculture Branch* | Lm | 8.85,0 |
| Carmel Mizzi | Lm | 14.00,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm | 127.30,0 |
| Joseph Vella (Ġinger) Ltd. | Lm | 8.85,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm | 8.25,0 |
| *Cottage Products Gozo Ltd.* | Lm | 39.75,0 |
| *Scerri Photo Studio* | Lm | 24.00,0 |
| *Cordina Photo Market* | Lm | 85.45,0 |
| Raymond Grech | Lm | 66.00,0 |
| *JCR Ltd.* | Lm | 32.25,0 |
| Pupull Attard | Lm | 384.00,0 |
| Joseph Muscat | Lm | 280.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 591.50,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 20.00,0 |
| Victor Attard | Lm | 123.81,0 |
| Perit AnnaMaria Attard Montalto | Lm | 141.60,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm | 68.05,0 |
| Total | Lm2603.23,0 | |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 15/2005 ġiet approvata.

<u>Ilmenti/Suġġerimenti</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li daħlu diversi lmenti li qed ikun hemm ħmieġ tal-klieb fi Triq ta` Mulejja. Il-Kunsill qabel illi jagħmel tabella li l-ħmieġ tal-klieb irid jinġabar.

Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi nqala' arblu mill-Korporazzjoni EneMalta fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi fejn tħalliet toqba kbira u l-mattoncina trid titranġa. Is-Sindku qal ukoll li dan diġa ilu diversi jiem maqlugħ. Il-Kunsill qabel illi jikkuntattja lill-Korporazzjoni *EneMalta* sabiex tagħmel dan.

**Materji oħra**

Dwar il-*parking-bays* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, l-Viċi-Sindku Victor Cefai qal illi l-iskop kien tajjeb pero` hemm wisq ħela u waqqaf lill-ħaddiema milli jkomplu jagħmluhom. Il-Kunsillier Lorry Apap qabel ukoll li jitneħħew minħabba li hemm il-ħela. Il-Kunsilliera Maria Schembri qalet illi marru diversi residenti fejn qalulha li mhux sew il-*parking-bays* għaliex flok żewġ karozzi kienu jidħlu tlieta. Is-Sindku qal illi huwa jaqbel li jibqgħu għax b`hekk il-*parking* ikun regolarizzat. Huwa qal illi ġie avviċinat minn xi wħud biex dawn jitkomplew. Huwa qal ukoll illi filwaqt li b`dawn il-kaxxi qed jittieħed ċertu spazju, meta jkun hemm ipparkjar bl-addoċċ mingħajr kaxxi, l-ħela jkun akbar. Hawnhekk il-Kunsillier Lorry Apap ippropona li tintbagħat ittra ġod-djar ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u naraw x`iridu. Is-Sindku qal illi fejn hemm il-garaxxijiet għandu jitħalla spazju. Sar qbil illi titqassam karta fejn jindikaw jekk jaqblu jew ma jaqblux mal-*parking-bays* u jingħataw żmien ġimgħa sabiex iwieġbu. F`din id-deċiżjoni l-Kunsillier Anthony Cassar ma kienx preżenti.

Il-Kunsill qabel illi lill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria jibgħatlu ittra u mhux jitlob laqgħa miegħu dwar l-għeluq ta` Triq ir-Repubblika l-isfel għall-vetturi kbar kif kienet approvata l-mozzjoni.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien mal-Perit John Saliba attenda l-laqgħa tal-Bord tal-M.E.P.A il-Ħamis, 3 t'Awissu fejn ġiet deċiża l-applikazzjoni PC0092/00 biex titħassar tarf Triq Ta' Mulejja li tmiss ma Triq Għajn Tuta, illum Trejqet Wara L-Idjar. Is-Sindku qal li tkellem waqt il-laqgħa tal-Bord fejn informa lill-istess Bord li l-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazjoni tad-Direttorat tat-Toroq biex din titħassar u minflok isir taraġ bejn Triq ta' Mulejja u Trejqet Wara L-Idjar. Ġie deċiż ukoll sa fejn jista` jsir żvilupp f'tarf Trejqet Wara L-Idjar. Issa l-Kunsill jista jkompli bil-pjan tiegħu biex isir il-*belvedere* fi Triq ta' Mulejja. Għalhekk il-Kunsill qabel li jitlob il-*file* lill-Perit Walter Portelli biex jiġi mgħoddi lill-Perit John Saliba, kif ġie deċiż is-sena l-oħra.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li sar il-*patching* bil-*hot asphalt* kif kien approvat xi xhur ilu fejn żdiedet ukoll parti fi Triq Għajn Tuta minn *Gatt Asphalting* skond il-kuntratt li għandu l-Kunsill. F'parti minn din it-triq, tul ta` 10 metri, kellha ssir bankina żgħira peress li dik eżistenti ġiet għolja ħafna meta sar it-tarmak. Dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

L-Isqaq Nru. 3 fi Triq tal-Għajn reġa` tranġa wara li sar is-servizz tad-drenaġġ mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma. Wara li kien hemm diversi ntoppi minn din il-Korporazzjoni biex jitwettaq dan ix-xogħol tal-irranġar ta` dan l-Isqaq għall-istat li kien qabel sar intervent mis-Sindku u l-Kunsillier Lorry Apap mal-uffiċċjali tal- *W.S.C.*, biex isir kif kien miftiehem qabel beda x-xogħol.

Inxtara wkoll pajp biex jintuża għall-ħasil ta` Pjazza l-Għejjun, kif ukoll, wara li sar il-ħasil, tkompla jingħata s-*sealer* lill-*printed concrete* ta` taħt ir-*railing* l-isfel mill-Knisja. Tlestiet ukoll il-bankina quddiem `*Sunrise Flat* 2' fi Triq is-Sajjieda. Twaħħlu wkoll l-ismijiet ta` Sqaq Ta` Kaputt u Trejqet Wara l-Idjar, u l-ittri tal-isem tal-*Playingfield* li kienu sar iżgħar minn dawk li kien hemm. Dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

Is-Sindku qal ukoll li għamel żjara ma` rappreżentant ta` *John G. Cassar Ltd.* li ngħata l-offerta biex isiru s-*safety carpets* fil-*PlayingField.* Dawn ser jiġu jiswew madwar Lm1900 minn barra x-xogħol tas-siment li jrid jsir jekk jinqalgħu l-*paving blocks.* Is-Sindku nforma lil-Kunsill li dan ir-rappreżentant infurmah li dan il-materjal tas-*safety carpets* ser ikun ġdid u mhux bħala *sample* li ppreżenta lill-Kunsill waqt l-aġġudikazzjoni tat-*tende*r. Hawnhekk sar kuntatt mar-rappreżentant ta` *John G. Cassar Ltd.* fejn tkellem miegħu l-Kunsillier Lorry Apap. Ir-rappreżentant informa lill-Kunsillier Apap li għandhom kwalita differenti ta` *safety*

*carpets*. Il-Kunsill qabel illi jitlob lil *John G. Cassar Ltd.* biex jibgħat bil-miktub dak li qal f`din it-telefonata.
Tlestew ukoll tmien fanali fuq stil rustiku li kien ordna l-Kunsill għand Pupull Attard. Ġie ordnat aktar *sealer* u żebgħa bajda għas-sinjali tat-toroq. Inxtrat ukoll *camera* diġitali kif kien approvat mill-Kunsill.
Intbaghtet ukoll il-*Management Letter* kif ukoll l-ittra li approva l-Kunsill lill-Kappillan tal-Parroċċa dwar il-marċ tal-festa. Saru wkoll il-korsijiet tal-kompjuter organizzati mit-*T.C.T.C.* flimkien mal-Kunsill.
Is-Sindku nforma wkoll li beda jġib il-velenu mis-sezzjoni tar-*Rodent Control* għas-siġar tal-ħarrub. Dan jingħata kull xahar.
Bdiet ukoll issir il-bankina bil-*paving blocks* kif approvat mill-Kunsill f'parti minn Triq ta' Mulejja. Din ġiet ordnata għand id-Dipartiment tad-Distretti.
Dwar il-qsari tal-ġebel tat-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi dawn tlestew minn Joe Muscat u ngħataw *resin* minn ġewwa u żejt u *diesel* minn barra minnħabba l-elementi tan-natura. Saru erbgħin waħda. Is-sindku qal ukoll li hemm bżonn li jiġu ordnati arloġġi tal-karti għas-sistema ta' parkeġġ kontrollat biex min jiġi l-Kunsill ikun jista` jinqeda. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Għajn ta' Bendu qed tintuża bħala latrina. Huwa qal li Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* lest li joffri lill-Kunsill biex jagħmel *camera* mas-sistema tiegħu. Il-Kunsill qabel iżda għandha tintalab lis-Sur Cassar aktar informazzjoni dwar xi spejjez ser ikun hemm. Is-Sindku qal ukoll li l-*bin* li kien twaħħal xi xhur ilu fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili m'għadux jitbattal mill-kennies, peress li dan kien qed jagħmlu volontarjament. Il-Kunsill qabel li jiġi mgħoddi lill-kuntrattur tal-ġbir ta` l-iskart. Dan aċċetta.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li għalkemm saru diversi rapporti biex tinxtegħel bozza li hemm mitfija fit-*telephone box* ta' Pjazza L-Għejjun din għadha ma tranġatx. Għalhekk ċempel il-*Head Office* tal-*Maltacom* u kellem lill-*P.R.O.* Grace Pace. Din informatu li għandha tieħu ħsieb hi.
Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa oħra għall-anzjani soċjo-kulturali f'Malta f'Ottubru. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sa llum iż-*zebra crossing* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili li ordna l-Kunsill xhur ilu lill-kuntrattur Richard Cauchi għadha mhix lesta. Dan minkejja li fl-14 t`Awissu l-Enġinier Renzo Curmi kiteb lill-Kunsill illi l-kuntrattur ikkonfermalu li l-istallazzjon ser tkun lesta din il-ġimgħa. Fl-istess ittra talab lill-Kunsill sabiex jindika fejn ser teħel id-*demarcation box*, peress li l-Korporazzjoni *EneMalta* m`aċċettatx li teħel man-naħa tal-bini tagħha, s-Sindku kkuntattja lis-Sur Sacco fejn dan aċċetta li teħel mal-proprjeta' tiegħu. Is-Sindku qal ukoll illi s-Sur Frank Sacco talab lill-Kunsill ittra fejn turi li meta jkun hemm bżonn tinqala' din id-*demarcation box* tinqala' spejjez tal-Kunsill. Din l-ittra tfasslet mill-Avukat Chris Said u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi s-Sur Sacco kellu dritt jitlob din il-ħaġa.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fl-okkażjoni tal-Festa Titulari minflok ma ġew imqabda ndividwi oħra għat-tindif bħal ma kien isir is-soltu ġew imqabbda jagħmlu dan ix-xogħol żewġ ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill. Is-Sur Joe Mercieca ġie mdaħħal tliet darbiet filwaqt li s-Sur Emanuel Debono darbtejn. Dan sar bi qbil li ta` kull darba jingħataw ġurnata *time-off*, għaldaqstant is-Sur Mercieca għandu tlett ijiem filwaqt li s-Sur Debono għandu jumejn.
Is-Sindku attenda għall-laqgħa fiċ-Ċentru tal-għaqdiet mhux governattivi fix-Xewkija mal-uffiċċjali responsabbli mill-proġett *'Leader'* tal-Unjoni Ewropeja. Dan ser ikun għas-snin

2007-2013. Dan il-proġett hu wieħed rurali, fejn kemm individwi u għaqdiet mhux governattivi u Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jibbenefikaw.
Għall-laqgħa attenda l-Enġinier Renzo Curmi fejn ddiskuta mal-Kunsill dak li ġie kkwotat fil-minuti tat-28 ta` Marzu 2006. L-Enġinier Curmi qal illi min jaqra l-*website* jaħseb li hu ħalliel. Huwa ħadem l-istima skond il-*bill of quantities* u dan suppost jagħmlu l-kuntrattur. Is-Sindku wieġbu li darba oħra għandu jagħmlu l-kuntrattur. Il-Kunsillier Lorry Apap insista li m`għamilhiex għalih personali u jekk ħadha personali skuża ruħu quddiem il-Kunsill. Huwa qal ukoll illi huwa *electrician* u għaldaqstant kien jaf x`inhu jgħid u kemm jintelgħu l-ispejjez. L-Enġinier Curmi u s-Sindku taw spjega ta` l-għoti tat-*tender* kemm dak tal-kuntrattur tad-dawl u kemm tal-*Contracts Manager* li jieħu ħsiebu. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi l-interess tiegħu u ta` sħabu fil-Kunsill hu li jara li kemm jista` jkun, speċjalment fejn jifhem hu, ma jkunx hemm serq ta` flus il-poplu. Huwa ma jaċċettax dawn l-affarijiet. Il-Kunsillier Lorry Apap qal lill-Enġinier Curmi li l-ħlas mhux ser isir lilu iżda lill-kuntrattur u għaldaqstant m`għandux iżjed kummenti x`jagħmel. Is-Sindku qal illi għandu jiġi diskuss id-dewmien li qed ikun hemm min-naħa tal-kuntrattur biex jitwettaq ix-xogħol ordnat mill-Kunsill, eżempju ta` dan *floodlights* mitfija fuq il-Knisja li damu ma tranġaw ħafna, *belisha beacon units* li għakemm ġew ordnati f`Mejju sa llum għadhom mhux lesti u oħrajn. L-Enġinier Curmi nforma lill-Kunsill li għandu dritt iwaħħlu multa skond il-kuntratt. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku staqsa wkoll li peress li hemm dan id-dewmien kollu jistax xogħol ġdid jagħtih lill-kuntrattur ieħor. L-Enġinier Curmi wieġeb fl-affermattiv. Il-Kunsillier Lorry Apap talab lill-Enġinier sabiex jagħmel dan bil-miktub. Il-Kunsillier Lorry Apap talab sabiex jittieħed vot jekk il-Kunsill jaqbilx li jgħaddi x-xogħol lil ħaddieħor. Il-Kunsill qabel. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li sitt fanali li l-Kunsill waħħal f`Ġunju u għadhom ma sarux jiġi kkuntattjat Michael Bugeja biex jaħdimhom. Il-Kunsill qabel.
Għall-laqgħa attenda Mark Bajada wara li huwa kien talab li jiċċara xi punti dwar ix-xogħol ta` restawr ta` l-Għajn il-Kbira. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa talab lill-Perit Saliba kemm jistma li jsir dan ix-xogħol bis-siegħa. Dan infurmah li l-ħlas hu ta` Lm3 u Lm3.50,0 is-siegħa bħala xogħol ta` bennej u l-materjal għall-Kunsill. Hawnhekk il-Kunsill informa lis-Sur Bajada sabiex jidħol għall-laqgħa. Is-Sur Bajada qal illi huwa lest li jarma l-*scaffolding* li ser ikun pprovdut. Huwa staqsa jekk il-materjal hux ser ikun fil-post jew iridx imur għalih. Il-Kunsill wieġeb illi jekk imur għall-materjal għandu jitħallas ta` dan bis-siegħa wkoll. Is-Sur Bajada qal illi l-prezz ta` kull siegħu hu Lm5.00,0 u dak tal-ħaddiem hu Lm4.00,0. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi huwa m`għandux x`jgħid aktar ħlief li għandha toħroġ *quotation*. Is-Sur Bajada rriveda l-prezz u qal li dan ser ikun finali għall-Lm4.50,0 tiegħu u dak tat-Lm3.50,0 tal-ħaddiem kull siegħa. Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa lis-Sur Bajada kemm ikkalkula li jdum ma jsir ix-xogħol. Is-Sur Bajada wieġbu illi fi żmien ħmistax il-ġurnata. Hawnhekk is-Sindku għamel kuntatt bit-telefon mal-Perit Saliba fejn infurmah b`dawn il-prezzijiet u staqsieh x`jaħseb dwarhom. Huwa nfurmah li dawn huma aktar min-normal. Is-Sindku staqsieh jekk jafx b`xi bennej li lest li jaħdem dan ix-xogħol bil-prezzijiet ikkwotati minnu. Il-Perit Saliba nfurmah li hemm bennej li jista` javviċinah. Il-Kunsill qabel.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 27 ta` Settembru 2006 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

FONTANA

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku